PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

3.5.2012 B7-0231/2012

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa skont l-Artikolu 120 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar profitti żejda minn abbonamenti tat-telefonija ċellulari

Andreas Mölzer

B7-0231/2012

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar profitti żejda minn abbonamenti tat-telefonija ċellulari

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 120 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi s-sidien ta' telefowns ċellulari jew smartphones, mingħajr ma jindunaw, pereżempju jew permezz ta' "download gratis" li taparsi jkun bla ħlas jew għax jagħfsu bi żball fuq reklam propost f'xi applikazzjoni, jikkonkludu abbonament tat-telefonija ċellulari;

B. billi l-ispejjeż jiġu ċċarġjati fuq il-kont ta' kull xahar tat-telefonija ċellulari mingħajr ma l-konsumatur jintalab l-approvazzjoni għall-abbonament u/jew mingħajr ma jingħata d-dritt ta' rtirar;

C. billi l-konsumatur spiss ma jindunax bin-nassa tal-abbonament tat-telefonija ċellulari qabel jeżamina b'attenzjoni l-kont tat-telefonija ċellulari u mhux kull impriża ta' telefonija ċellulari tippermetti l-imblukkar ta' ċċarġjar fil-kont min-naħa ta' partijiet terzi;

D. billi l-ħarsien tal-konsumatur tal-UE qed jiġi injorat u l-forniturі tat-telefonija ċellulari – li wkoll japprofittaw minn din il-proċedura illegali – jaħarbu mir-responsabbiltà anki f'każ ta' appell fi żmien adegwat lill-fornitur tal-abbonament;

E. billi huwa kważi impossibbli li l-konsumaturi jagħtu prova lil forniturі bla skrupli li huma mhumiex qed jużaw l-abbonament, u l-ġbir tal-flus spiss isir minn impriżi ta' ħlas tat-telefonija ċellulari/aġenziji tal-ġbir tad-dejn, li diġà għandhom reputazzjoni dubjuża f'diversi fora fl-Internet;

1. Iqis li għandu jiżdied il-ħarsien tal-konsumatur – speċjalment tal-minorenni – f'rabta mal-abbonamenti tat-telefonija ċellulari, billi pereżempju jissaħħaħ id-dritt tat-tressiq ta' lmenti mal-forniturі ta' telefonija ċellulari;

2. Iqis li jkun opportun li l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi jkunu jistgħu jistabbilixxu listi suwed ta' forniturі li jagħmlu frodi bl-abbonamenti, liema listi jkunu disponibbli mill-paġni tal-internet tal-UE;

3. Jitlob ukoll li l-utenti ta' smartphones jew ta' telefowns ċellulari jingħataw id-dritt espliċitu li, f'każ ta' abbonamenti mistura, japprovaw jew jirrifjutaw fil-pront il-konklużjoni tal-abbonament, mingħajr ma jirriżultaw spejjeż żejda għall-utent.